MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 39

5 ta' Lulju 2010

Minuti tat-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 39 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 5 ta' Lulju 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. L-approvazzjoni tal-minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 38 tal-14 ta' Ġunju 2010, tħalliet għas-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

2.1. Fil-kontinwazzjoni tas-seduta ma tqajjmu ebda materji mill-minuti

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

Ma tqegħdu ebda karti

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Action 1.1. *Town Twinning Meetings* – Proġett *Mellieħa By Night* (P/10/7)(A/5/3/5/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill sabiex jingħataw fondi taħt *Action 1 – Measure 1.1*. *"Town Twinning Citizens' Meeting"* bil-għan li Cavriglia u Adenau jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-Iljieli Melleħin 2010. Il-proposta ġiet milqugħa u l-*Education, Audiovisual & Culture Executive Agency* li allokat €11,336. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-proġett jinvolvi arti, kultura, storja u l-gastronomija u ser ikun marbut mal-Iljieli Melleħin 2010.

4.1.3. Is-Sindku ppropona li l-edizzjoni tal-Iljieli Melleħin 2010 tiżvolġi bejn is-6 u t-13 ta' Settembru 2010. Irrefera għal żjara li huwa flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg għamlu f'Cavriglia bejn it-18 u d-19 ta' Ġunju 2010, sabiex ikunu jistgħu jsiru kuntatti diretti biex tiġi diskussa l-parteċipazzjoni tagħhom.

4.1.4. Ġie spjegat li l-kundizzjoni li taħthom saret it-talba għall-fondi mill-Unjoni Ewropea jistipulaw li n-numru ta' parteċipanti minn kull lokalita' tewmija m'għandux ikun iktar minn 20 persuna. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li waqt iż-żjara f'Cavriglia tressqet proposta min-naħa tiegħu sabiex jintbagħat grupp ta' sbandieratori, li t-Toskani huma rinomati għalihom, flimkien ma' artigjani u *chefs* li jkunu jistgħu jippreparaw ikel tipiku tal-istess reġjun Taljan. Ġiet ukoll mistħarġa l-possibilta' li xi azjenda bbażata f'Cavriglia tingħata l-opportunita' li timporta u tbiegħ siġar taż-żebbuġ lil bdiewa Melleħin. Is-Sindku qal li jkun possibbli li dawn jinġarru lejn Malta mingħajr ħlas. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Comune di Cavriglia huwa entużjast li jipparteċipa fl-Iljieli Melleħin. Dan ħareġ biċ-ċar waqt seduta tal-Comune li huwa l-Kunsillier J. Buttigieg ġew mistiedna jattendu.

4.1.5. Ġie deċiż li dan is-suġġett għandu jkompli jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

4.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Proġett – "*Two Coasts - One Europe*" (P/10/6)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 9 ta' Ġunju 2010, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, l-Kunsilli Lokali u l-Konsultazzjoni Pubblika. Fl-istess *e-mail* intqal li ser jibqa' għaddej il-proċess biex tingħata s-somma kommessa ta' €13,796 biex jiġi onorat il-finanzjament tal-Proġett "*2 Coasts 1 Europe*" permezz ta' *Action 1.1. taħt il-Programm Youth In Action*.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Arranġamenti tat-Traffiku fid-daħla għaż-żona ta' Mellieħa Heights (T/3/2/Vol X)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 26 ta' Mejju 2010 mis-Sur Charles Borg fejn qed jipproponi li l-fetħa li hemm quddiem Triq in-Naħal għal Triq il-Kbira issir *two-way*, ikun hemm aktar infurzar tal-liġi minħabba *double parking* quddiem il-ħwienet, u titneħħa l-ambigwita` tas-sinjali *Stop* li hemm fi Triq l-Etna kantuniera ma' Triq il-Kbira.

4.3.3. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta li l-fetħa li hemm minn Triq il-Kbira quddiem Triq in-Naħal issir ħruġ minnha direttament għall-Triq il-Kbira. Dan sabiex id-dħul u l-ħruġ jibqa' imqassam bejn iż-żewġ ftuħ għal/minn Triq il-Kbira bi dritt Triq l-Etna u Triq in-Naħal. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li Triq l-Għoljiet, bejn Triq l-Etna u Triq in-Naħal għandha ssir *one-way* 'l isfel lejn Triq l-Etna. Din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl tal-possibilta` li vetturi li jkunu fil-parti ta' barra ta' Triq l-Etna jistgħu jagħmlu użu minn Triq Mons. Franġisk Xuereb biex jinstaqu lejn Triq l-Għoljiet, filwaqt li tkun tista' issir marka *Stop* waħda fi Triq l-Etna kantuniera ma' Triq il-Kbira.

4.3.4. Is-Segretarju ntalab jgħaddi din il-proposta għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

### 4.4.1. Stat tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal rapport datat 24 ta' Mejju 2010 li sar mill-Perit Joseph Attard fuq inkarigu tal-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina, dwar fatturi li jinvolvu x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. Il-punti trattati fir-rapport jinvolvu:

(1) Dħul ta' ilma fejn minn xi katusa li hemm fejn l-i*store* tal-lukanda Antonin;

(2) *Cables* tal-elettriku tal-Antonin Hotel & Spa;

(3) Dħul tal-ilma wara li tifforma għadira fejn l-i*store* tal-Antonin Hotel & Spa fi Triq il-Kappillan Magri, qrib il-kantuniera ma' Triq San Publiju;

(4) Dħul ta' ilma li huwa maħsub li ġej minn katusa tad-drenaġġ tad-dar li tinsab fi Triq il-Kappillan Magri kantuniera mat-taraġ ta' Triq San Publiju;

(5) Sellum u bieb tal-ħadid wara l-Village Pharmacy li nbniet riċentement;

(6) *Extractor fan* u katusa tal-ilma tax-xita fil-livell tal-kantina tad-Dainty Boutique li jiżbokkaw fix-xelter; u

(7) *Air condition units* li saru fuq fejn ġej it-taraġ li aktar 'il quddiem ser ikun jgħati għax-xelter minn Triq l-Isqof Pace k/m Triq il-Kbira.

4.4.3. Is-Segretarju għarraf li fir-rigward ta' *item* 4 diġa ittieħdet azzjoni mis-Ispettur Sanitarju tad-Distrett sabiex jiġi identifikat is-sors tad-drenaġġ. Is-sid konċernat intalab jieħu passi.

4.4.4. Dwar l-*item* 5, il-Kunsill ġie nfurmat li diġa saret laqgħa fuq il-post mad-diriġenti tad-ditta Alfred Mangion Ltd li ser jieħdu passi biex jghalqu l-bieb li ħallew u s-sellum fix-xelter. Qablu wkoll li għas-spejjeż tagħhom jiksu, il-ħajt tal-briks li jidher fuq in-naħa tax-xelter.

4.4.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat ittra lis-sidien tal-Maritim Hotel Antonin & Spa fir-rigward ta' *Item 2*, u lis-sid ta' Dainty Boutique fil-każ ta' *Item* 6, bil-għan li jirregolaw il-posizzjoni tagħhom.

## 4.5.1. Titjib fl-aċċess għax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija (F/1/7)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata l-1 ta' Lulju 2010, mibgħuta mill-MEPA fejn intqal li l-Awtorita` approvat l-applikazzjoni PA 2964/09 dwar it-titjib tal-aċċess għax-xelters fin-naħa t-isfel ta' Triq il-Kappillan Magri. Il-permess formali mistenni li joħroġ fi ftit taż-żmien ieħor.

4.5.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

## 4.6.1. Tindif ta' aperturi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol IV)

4.6.2. Il-Kunsill ġie mfakkar li skond deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti saret sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnal The Malta Independent dwar is-servizz imsemmi hawn fuq. Ġie spjegat li nħarġu żewġ dokumenti dwar is-servizz meħtieġ, filwaqt li ntefgħet stima waħda mid-ditta Mr Clean Ltd, li kkwotaw is-servizz bir-rata ta' €110 bil-VAT inkluża għal kull darba li jintalbu l-aperturi speċifikati.

4.6.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' *purchase order* fuq Mr Clean Cleaning Services Ltd għal sitt servizzi li jingħataw skond il-ħtieġa.

## 4.7.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Alwetta u fi Triq il-Mellieħa (T/3/2/Vol IX)

4.7.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 26 ta' Ġunju 2010, mibgħut mis-Sur Renzo Borg Grech sabiex isiru *speed humps* fi Triq l-Alwetta, minħabba sewqan perikoluż u kolliżjonijiet li ġraw fl-istess triq.

4.7.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ippropona li ssir *traffic island* żgħira fi Triq l-Alwetta kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna. Dan billi l-kolliżżjonijiet qed jiġru minħabba li s-sewwieqa qed jaqtgħu għad-dritt u jsuqu fuq in-naħa l-ħażina tat-triq.

4.7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li sakemm diġa jeżistu sinjali u tabelli Stop, ma jarax li jista' jsir xejn iktar.

4.7.5. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jista' m'hemmx spażju biżżejjed biex issir *traffic island* u għalhekk ippropona li ssir linja bajda f'nofs Triq l-Alwetta biex is-sewwieqa jżomma magħha sakemm jaslu sal-kantuniera ma' Triq Għajn Żejtuna.

4.7.6. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jsiru *speed humps* u ddeċieda li jaddotta s-suġġeriment skond il-minuta 4.7.5. aktar 'il fuq.

4.7.7. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li qed ikun hemm kolliżżjonijiet fi Triq il-Mellieħa kantuniera mat-triq li twassal għall-Irdum id-Delli. Dan il-periklu huwa kkawżat billi s-sewwieqa ma jkunux qed jaraw traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta, minħabba s-siġar għoljin li hemm matul it-triq. Il-mera li saret f'dan il-post ftit li xejn tejbet is-sitwazzjoni.

4.7.8. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru tabelli u sinjali Slow qrib il-liwja in kwistjoni.

## 4.8.1. Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal Korsijiet *Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)

4.8.2. Saret referenza għall-Memo 93/2010 datat 5 ta' Lulju 2010 dwar l-iSkema ta' Għajnuna għall-Korsijiet *Lifelong Learning*, fejn issa l-Kunsilli Lokali ntalbu joħorġu għall-pubbliku l-lista ta' korsijiet li ser ikun hemm, kif ukoll l-formola tal-applikazzjoni. Ir-rispons li jkun hemm mill-pubbliku jrid jiġi komunikat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sal-20 ta' Awwissu fuq il-formoli li ġew mgħoddija apposta. Is-Segretarju għarraf li fil-każ tal-*core subjects* bħall-Malti, l-Ingliż u s-Somom ser ikun hemm sussidju totali mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, filwaqt li fil-każ ta' suġġetti oħra ser ikun hemm finanzjament parzjali.

4.8.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li l-korsijiet diġa ġew imħabbra lill-pubbliku residenti fil-lokalita` permezz tal-magazin "Mill-Qiegħa".

4.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.9.1. Premju Lokalitajiet Indaf 2010 (A/5/3/5/Vol II)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għall-Memo 73/2010 datat l-1 ta' Ġunju 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli ġew mistiedna jipparteċipaw fil-kompetizzjoni msemmija. Is-Sur R. Cutajar għarraf lill-Kunsill illi ntweriet l-intenzjoni li l-Mellieħa tipparteċipa bl-inizjattivi segwenti:

1. Tħejjija ta' rapport ta' aġġornament ikkummisjonat mill-Kunsill sabiex jiġu identifikati is-siti li m'għandhomx ħitan kif titlob il-liġi, bil-għan li jiġi sottomess lill-MEPA;
2. Kampanja edukattiva dwar l-ambjent u l-indafa fil-lokalita bil-partecipazzjoni tat-tfal li ser ikunu qed jattendu f`AvventuraSajf li l-Kunsill ser ikun qed jorganizza bejn Lulju u Settembru 2010;
3. Matul ix-xahar ta` Awwissu ser jigu organizzati zewg attivitajiet soċjali/kulutrali imsejha Mellieħa *Gardens by Night* fejn minbarra divertiment tittieħed l-opportunita` biex titrawwem kuxjenza kontra l-vandaliżmu u apprezzament għal ġonna li jeżistu fil-lokalita`;
4. l-introduzzjoni ta' tabelli b'informattivi fid-daħla ta' kull ġnien/*playingfield* fil-lokalita b'numri tat-telefon fejn wieħed jista' jċempel biex jirrapporta atti ta' vandaliżmu u twissijiet biex lill-pubbliku biex ikun hemm aktar sigurta` u ndafa f'dawn il-postijiet pubblici;
5. Twaħħil ta' *litter bins* godda fuq il-Bajja tal-Għadira sabiex ikun jista' isir is-separazzjoni tal-iskart anke fuq din ir-ramla li ftit tal-jiem ilu nghatat l-istatus ta' *Beach of Quality*;
6. *Bins* ġodda fil-lokalita` li jinkludu ukoll dawk biex fihom jintefa l-ħmieg tal-klieb;
7. Zieda fil-presenza tal-*Green Wardens* fil-lokalita` tal-Mellieha matul ix-xhur tas-sajf fejn il-popolazzjoni fil-Mellieha titripplika; u
8. *Clean Up* f`Settembru 2010, organizzata mill-Kunsill Lokali, bil-partecipazzjoni tal-għaqdiet tal-lokalita` bħala parti mill-attivita` annwali Iljieli Melleħin.

4.9.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.10.1. Skema ta' Finanzjament ghar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Zgħar (R/2/Vol II)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 2 ta' Lulju 2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni għall-fondi tal-iskema msemmija biex jiġi rrestawrat id-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa. Permezz tal-istess ittra, il-Kunsill ġie mgħarraf li t-talba ma ġietx approvata, peress ma kienitx tissodisfa l-kriterji selettivi stabbiliti għal din is-sena fuq din l-iskema. Is-Sur R. Cutajar qal li din is-sena l-emfasi kien fuq ir-restawr tan-niċeċ.

4.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.11.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fl-Armier (C/4/Vol III)

4.11.2. Is-Sindku ressaq lista ta' tnax-il sid ta' *caravans* li ġiet mogħtija lilu mill-Leisure Team Caravan Association (LTCA) li oriġinarjament kellhom l-intenzjoni jġibu l-*caravans* tagħhom fl-inħawi tal-Qortin it-Twil. Is-Sur R. Cutajar qal li eventwalment tlieta minn dawn is-sidien iddeċidew li jmorru Baħar iċ-Ċagħaq.

4.11.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għad-diskussjoni li kien hemm fl-ewwel parti tas-seduta u qal li d-Dipartiment tal-Artijiet baqa' ma ddeċidiex dwar jekk għandhomx jiġu ttollerati *caravans* fil-Qortin it-Twil.

4.11.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għat-tieni sena konsekuttiva, l-inħawi Tal-Qortin it-Twil għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jintużaw bħala *caravan site temporanja,* bil-kundizzjonijiet segwenti:

- Is-sit m'ghandux jieħu aktar minn 25 *caravan* li jiġu akkomodati *on first come first served basis*;
- Isir arranġament mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-ħlas biex l-art tintuża bħala tali;
- Il-*caravans* kollha għandhom jitneħħew minn fuq is-sit sal-15 ta' Settembru 2010; u
- Ma jsirux pjattaformi tal-konkos.

4.11.5. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku għarraf li nħarġu numru ta' avviżi mill-Uffiċċju tal-Kunsill sabiex jitneħħew *caravans* li hemm fl-Armier, qrib l-ex-Armier Lido. Huwa qal li oriġinarjament dawn kienu bir-roti. Permezz ta' ittra datata 21 ta' Ġunju 2010 indirizzata lill-Prim Ministru, Armier Developments Ltd ipprotestaw, li dawn inġiebu fuq il-post qabel l-1992 u kienu parti mill-wegħda li għamel li l-istess Prim Ministru fi Frar 2008. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li dawn kienu tqegħdu fi triq pubblika. Fil-kuntatti li kellu ma' Armier Developments Ltd huwa saħaq li dawn huma kkunsidrati bħala *caravans* u mhux kmamar u għalhekk għandhom jitqiesu l-istess bħal dawk li jridu jinġiebu fl-inħawi tal-Qortin it-Twil. Huwa kompla jispjega li l-ittra tal-Prim Ministru kienet tirreferi għal kmamar (*boathouses*) u mhux *caravans*, qatt ma jistgħu jiġu meqjusa l-istess.

4.11.6. Is-Sindku rrefera wkoll għall-*e-mail* datat 30 ta' Ġunju 2010 fejn it-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, fi ħdan id-Dipartiment tal-Artijiet, talbet li tiġi nfurmata b'xi azzjoni li tista' tittieħed.

4.11.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

L-iskeda dwar ix-xiri ta' servizzi u oġġetti ġiet ippreżentata fl-ewwel parti tas-seduta.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. L-iskeda tal-pagamenti tressqet fl-ewwel parti tas-seduta.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti** dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - **Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jkun hemm provista ta' materjali meħtieġa in konnessjoni mat-twettieq tat-Tieni Fażi tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;**

**Billi t-tliet offerti li daħlu sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-istess Kunsill fis-seduta Nru. 38, skond kif jidher mill-minuti tal-istess seduta;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2010 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7505);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Central Asphalt Ltd illi offrew l-aktar rati vantaġġjużi biex ifornu l-materjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi. ". (P/4/6/Vol III)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 8.1. Estensjoni tal-Pergola Club Hotel (P/5/8/1)

8.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa li saret fil-25 ta' Mejju 2010, għar-residenti li joqgħodu qrib il-lukanda msemmija dwar l-applikazzjoni lill-MEPA – PA 285/09.

8.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li kopja tal-minuti tal-laqgħa msemmija, kif ukoll kopja tal-ftehim li kien intlaħaq f'Ottubru 1994 bejn is-Sur John Grima, fil-kapaċita` tiegħu ta' direttur tal-Pergola Holiday & Leisure Complex u l-Kunsill ta' dak iż-żmien, li kien jipprovdi illi l-għoli tal-bini fuq in-naħa ta' Triq l-Għerien ma' kellux ikun iktar minn 1.78 metri mill-għola parti tat-triq. L-istess ftehim kien jipprovdi wkoll li ma kellux jiġi nstallat apparat ġdid fuq il-bjut tal-estensjoni proposta dakinhar. Kopja tal-istess ftehim intbagħtet lill-MEPA flimkien mal-minuti tal-laqgħa tal-25 ta' Mejju, filwaqt li ttenniet il-posizzjoni tal-Kunsill dwar l-bini ta' sular ieħor.

8.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 9.1. Riforma fit-trasport pubbliku – Rotot tal-Karozzi tal-Linja fil-Lokalita` (T/5/1/Vol II)

9.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li ma ġietx aċċettata l-proposta tal-Kunsill dwar il-lokazzjoni tal-venda fejn jiltaqgħu r-rotot ewlenin mal-*feeder lines* u għalhekk din ser tkun fit-tarf ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, qrib ir-*roundabout* ta' Selmun. Kompla jispjega li l-inħawi tal-Għadira u l-Armier inqatgħu b'*feeder line* għalihom, filwaqt li ġiet aċċettata l-proposta li Selmun inkun jifforma parti mir-rotta ta' *Feeder Line* 31. Wara spezzjoni li saret minn uffiċjali ta' Transport Malta ġie stabbilit li r-rotot ewlenin ma jgħaddux mill-qalba tal-Mellieħa 'il fuq 'l isfel. B'hekk, l-vetturi fuq l-istess rotot jibdew jgħaddu minn Triq il-Marfa, jduru għal Triq l-Ewrieħ, Triq is-Santwarju, Triq l-Għollieqa, Triq Ġnien Ingraw, Triq Indri Fenech, Triq il-Wied, Triq Qasam Barrani, Triq L. Wettinger, u jieqfu fil-venda qabel ikomplu fi triqthom 'il barra mill-Mellieħa. Is-Sur E. Bartolo qal li Transport Malta mhux jaċċettaw il-proposta tal-Kunsill li r-rotot ewlenin kollha jużaw Dawret il-Mellieħa u Triq L. Wettinger meta jkunu fi triqthom 'il barra mill-Mellieħa.

9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li t-toroq ta' wara l-knisja mhumiex addattati biex jieħdu dak it-tip tat-traffiku, filwaqt li jiżdied l-inkonvenjent għar-residenti bi storbju u tniġġiż bid-dħaħen tal-vetturi.

9.4. Is-Sindku kkummenta li l-karozzi tal-linja li ser jinġiebu ser ikunu tat-tip Euro 5, li huma l-inqas vetturi li jikkawżaw emissjonijiet fis-suq. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li residenti fiż-żona li tiġi wara l-knisja u ta' Ġnien Ingraw, flimkien ma' dawk Ta' Pennellu u Qasam Barrani ser ikunu qed jinqdew aħjar.

9.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li d-devjazzjoni tal-karozzi tal-linja, jitlob li jiġu ntrodotti arranġamenti ġodda għat-traffiku, fosthom li jiġi pprojbit l-ipparkjar fit-toroq indikati.

9.6. Il-Kunsill qabel li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla fis-seduti li jmiss.

## 10.1. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin u toroq oħra (T/3/3/Vol IV)

10.2. Is-Sindku aċċenna għal-laqgħa li saret għas-sidien ta' negozji fit-toroq ewlenin fil-21 ta' Ġunju 2010. Huwa qal li hemm tliet *issues* marbuta mal-miżuri li jridu jittieħdu, li huma:

- Is-sistema tal-*one-ways*;
- L-introduzzjoni ta' żona pedonali; u
- Is-sistema tal-*Controlled Vehicular Access (CVA).*

Is-sistema tal-*one-way* jeħtieġ li ssir flimkien mal-introduzzjoni tar-rotot ġodda tal-karozzi tal-linja u l-*feeder lines*, sabiex il-pubbliku jorbot iż-żewġ miżuri flimkien.

10.3. Filwaqt li tenna r-riżervi dwar id-devjazzjoni tat-traffiku fit-toroq ta' wara l-knisja, il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx illi ż-żewġ miżuri jiġu mplimentati f'daqqa, għar-raġuni li trid issir evalwazzjoni dwar l-andament tal-*feeder lines,* li huwa kunċett ġdid għall-Malta.

10.4. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li l-miżuri proposti m'għandhomx jittieħdu mingħajr ma jeżisti ebda studju dwar l-impatt tat-traffiku f'toroq bħalma huwa Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju, Triq l-Għollieqa, Triq Mons. Indri Fenech u Triq il-Wied. L-uniku studju li jeżisti huwa dak dwar il-livell ta' tinġiż li kien sar fi Triq Ġorġ **Borg Olivier illi sar ftit snin qabel.**

10.5. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li bil-miżuri proposti, ir-riżultat finali għandu jħalli effetti pożittivi fuq il-kumunita` Melleħija b'mod ġenerali. Dan billi:

- l-*one-way* 'l isfel fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira ser jitnaqqsu drastikament l-ammont ta' tniġġiż ġej mid-duħħan tal-vetturi;
- tinqata l-konġestjoni fl-istess toroq;
- jagħmilha possibbli li jitwessgħu l-bankini biex jingħata aktar spażju pedonali;
- It-toroq proposti li jieħdu t-traffiku 'l barra mill-Mellieħa huma aktar arjużi u f'sezzjonijiet lanqas m'hemm residenti bħal fil-każ ta' Triq l-Erwieħ u Triq Qasam Barrani. Triq Ġnien Ingraw hija mibnija fuq naħa waħda biss.

10.6. Il-Viċi Sindku aċċenna li jeħtieġ jiġi studjat l-effett tal-introduzzjoni tal-*one-ways* fi Triq Ġnien Ingraw u Triq is-Santwarju fuq it-toroq li jinsabu fl-istess żona. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li għalkemm sa issa saru kuntatti ma' Transport Malta dwar ir-rottot tat-trasport pubbliku, mil-lat tat-traffiku ma kien hemm ebda kuntatti mal-Unit għall-Maniġġ tat-Traffiku.

## 11.1. Proposta dwar il-bini ta' kumpless residenzjali u kummerċjali fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/5/8/G)

11.2. Tressqet pjanta li tindika l-art illi ser tiġi affettwata mill-applikazzjoni li saret lill-MEPA - PA 1936/09. Ġie spjegat li din testendi minn Triq Ġorġ **Borg Olivier għal Triq Sammy Bartolo, filwaqt li tinkludi wkoll il-bini ta' parkeġġ bi dħul minn tal-aħħar.**

11.3. **Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda għas-seduta li jmiss sabiex jiġi mistieden jattendi l-applikant.**

## 12.1. Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri – Sena Finanzjarja – Marzu – Diċembru 2009 (F/1/2/Vol VII)

12.2. Is-Segretarju għarraf li l-Udituri tal-Kunsill issottomettew l-ittra ta' direzzjoni lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, li min-naħa tagħhom għaddew kopja tagħha lill-Kunsill fid-19 ta' April 2010 sabiex ikun jista' jwieġeb għall-punti mqajjma fiha.

12.3. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba mressaq mis-Segretarju u ddeċieda li jgħaddiha lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

## 13.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2010 (F/1/1/Vol II)

13.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali kien jikkonsisti mill-ewwel *tranche*` ta' l-**Allokazzjoni Annwali**, kif ukoll is-somom ta' €40,000 u €5,000 li kienu ġejjin mir-rebħ tal-*Local Enterprise Award* u *shortlisting* għall-*Green Challenge Award*, rispettivament. Kompla jgħid li t-total ta' dħul minn **Servizzi Komunitarji** kompla nieżel b'mod, mqabbel mat-tliet xhur preċedenti - minn €6,280 għal €3,271. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas ta' permessi għall-i*skips* (€125), bejgħ ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (€735); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq u attivitajiet fil-pubbliku (€2,276); u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€135).

13.3. Id-dħul ta' natura **Ġenerali** kien jikkonsisti f'għotja ta' €127, filwaqt li kien hemm ukoll kontibruzzjonijiet illi laħqu €1,970, illi l-Kunsill irċieva b'rabta ma' attivitajiet li organizza. Dawn kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Milied Melliehi '09 | € 750 |
| Iljieli Melleħin '09 | € 200 |
| Jum il-Kunsill '10 | € 1,020 |

Is-Segretarju spjega li l-iżbilanċ qawwi li jidher mqabbel mal-estimi, jirriżulta mill-fatt li l-MEPA kienet għadha m'għaddietx il-fondi kommessi fuq il-Proġett tal-Playing Field / Ġnien Pubbliku f'Mellieħa Heights. Dan jinvolvi s-somma ta' €147,545 fuq medda ta' tnax-il xahar.

13.4. In-nefqa fuq **is-Salarji** kienet skond kif prevista fl-estimi. Irriżulta wkoll li ma tħallset ebda sahra fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport, filwaqt li fuq struzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, iż-żieda fl-onorarja tas-Sindku tħallset b'effett minn Novembru 2009, liema struzzjonijiet ġew irtirati permezz ta' Memo 3/2010. B'hekk iż-żieda ingħatat b'effett minn Jannar 2010. Billi l-ammonti nvoluti ġew imnaqqsa mill-pagament ta' Frar 2010, jidher li kien hemm nefqa inqas fir-rigward tal-Onorarja tal-Sindku għal dak ix-xahar.

13.5. Bejn Jannar u Marzu 2010, in-nefqa attwali fuq il-**Manutenzjoni tat-Toroq** kienet inqas mill-vot allokat b' €8,018. Din kienet imqassma hekk:

| | |
|---|---|
| *Patching* | 14,398 |
| Bankini | 245 |
| Tiswija ta' Ħitan | 107 |
| *Culverts* | 4,878 |
| Tisbiħ | 631 |
| Toroq tal-Bdiewa | 222 |

13.6. F'dak li jirrigwarda l-manutenzjoni ta' **Tabelli u Sinjali tat-Traffiku** jidher li kien hemm infieq li qabeż b'mod sostanzjali l-estimi, peress li l-kuntrattur konċernat dam diversi xhur ma jgħaddi talbiet għall-ħlas. Il-kont li kien ikopri diversi xhur ġie mgħoddi fix-xahar ta' Jannar 2010.

13.7. In-nefqa fuq is-servizz tal-**Ġbir ta' l-Iskart** kienet tinkludi fiha l-ħlas ta' €4,325, li l-Kunsill beda jħallas kull xahar sabiex ikopri t-*Tipping Fees* imposti mill-WasteServ (Malta) Ltd, fuq l-iskart imħallat li jinħatt fil-*landfill* tal-Magħtab, jew fl-impjant ta' Sant' Antnin. Il-Gvern Ċentrali qed jagħti kumpens dirett għal din in-nefqa.

13.8. In-nefqa globali marbuta mas-**Servizzi Kuntrattwali** għat-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport kienet inqas mill-estimi b'€15,157. Dan wara li ġew esklużi s-servizzi kuntrattwali kollha mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, f'Jannar 2010, kif ukoll wara li ttieħdu in konsiderazzjoni spejjeż li kienu għadhom ma' daħlux fil-kotba sa l-aħħar ta' Marzu 2010 *(accruals).*

13.9. Filwaqt li l-ispejjeż fuq **Servizzi Professjonali** jikkonsistu prinċipalment fil-ħlas tal-*Contracts Manager* inkarigat mill-Operat Ġenerali tal-Kunsill, matul it-tliet xhur koperti fir-rapport, kien hemm infieq marbut ma' servizzi ta' assistenza legali, kif ukoll ħlasijiet konnessi mat-tiġdid fis-sistemi tal-.I.T. mħaddma mis-Segretarjat tal-Kunsill.

13.10. F'dak li jirrigwarda l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità,** kien infieq baxx ħafna aktar mill-estimi. Qabel u waqt it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport seħħew serje` ta' **Attivitajiet Kulturali** li l-ispiża fuqhom, bejn Jannar u Marzu 2010, kienet imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Milied Mellieħi 2009 | 6,318 |
| Jum il-Kunsill 2010 | 2,217 |
| Kompetizzjoni Snooker u American Pool | 394 |
| Tisħib f'Attivitajiet ma' Għaqdiet Lokali | 496 |
| Dwal tal-Milied fit-Toroq Ewlenin | 600 |
| Total | 10,025 |

13.11. Kif intqal fin-nota Nru. 14.3. aktar 'il fuq, bejn Jannar u Marzu kien hemm *sponsorship* b'risq l-attivitajiet li ġew organizzati, illi laħħaq €1,970.

13.12. F'Marzu seħħet iż-żjara minn grupp ta' ħmistax-il persuna żgħażugħ Melleħin f'Elblag il-Polonja, bħala parti mill-Proġett ***"Two Coasts One Europe".*** Iż-żjara kienet tinvolvi spiża ta' €7,743 fuq ivjaġġar, li 63% ġiet irkuprata minn *sponsorship* li ngħata minn Green MT Ltd (€2,600) u parti minn kontribuzzjonijiet li għamlu l-istess żgħażagħ (€2,250). Qed isiru sforzi sabiex id-differenza ta' €2,892.95 tiġi koperta wkoll minn sorsi oħra.

13.13. F'dak li jirrigwarda spejjeż fuq l-introduzzjoni ta' Dwal Ġodda fit-Toroq, ġie rreġistrata nefqa ta' €5,794 li kienet marbuta mat-tqegħid ta' pajpijiet fil-bankini l-ġodda li saru fi Triq in-Nixxiegħa – Santa Marija Estate.

13.14. Wara li saru t-tħejjijiet kollha meħtieġa biex jinbeda x-xogħol fir-rigward tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ, kien hemm l-ispejjeż marbuta mat-tħejjija tal-pjanti u r-rapporti kollha biex ġiet sottomessa applikazzjoni quddiem il-MEPA. Permezz tal-istess talba nbidel il-kunċett kollu ta' kif kien ippjanat l-proġett oriġinarjament, ossija minn wieħed ta' afforestazzjoni, għal ieħor li jinkludi wkoll faċilitajiet sportivi.

13.15. Ix-xogħol fuq il-Proġett ta' Tisbiħ fi Triq Qasam Barrani intemm matul it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport, għalkemm dan m'huwiex rifless fin-nefqa. Minħabba din ir-raġuni, il-kuntrattur konċernat kien għadu ma' għadda ebda talba għall-ħlas relattiv. L-ispejjeż li jidhru fl-iskeda mehmuża ma' dawn il-minuti, hija marbuta max-xiri ta' apparat mehtieġ mas-sistema tal-irrigazzjoni tar-*roundabout* u s-*centre-strip*.

13.16. Wara din l-ispjegazzjoni, il-Kunsill approva r-rapport u talab lis-Segretarju jgħaddiħ lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 14.1. Post ta' Rikrejazzjoni fi Triq il-Migbħa, Għasel u Xehda (P/4/23/Vol II)

14.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-1 ta' Lulju 2010 nbeda x-xogħol fuq il-proġett imsemmi.

14.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li hemm partijiet mis-sit affettwat b'dan il-proġett li huma aċċessibli u jeħtieġ li jingħalqu għal aktar sigurta`.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Żieda fis-servizzi tal-Infurzar tal-Liġi matul ix-xhur tar-Sajf (W/3/Vol VIII)**

15.2. Sindku rrefera għall-fondi li ngħataw taħt l-iSkema dwar Bżonnijiet Speċjali fil-Lokalita` u ippropona li permezz tagħhom għandha tiżdied is-superviżjoni partikularment f'żoni kostali, kif ukoll fejn jeżistu residenti ta' vileġġjatura. Is-Sur R. Cutajar qal li dan għandu jinkludi wkoll is-servizz tal-*Green Wardens*. Huwa aċċenna għall-fatt li l-abbużi fir-rimi tal-iskart, ingombru eċċ, jiżdiedu sostanzjalment f'dawn il-postijiet matul ix-xhur tas-sajf.

15.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li n-nies tal-vileġġjatura ma jkunux daqshekk familjari mal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart u għalhekk ikun tajjeb li jitpoġġew *skips* fiż-żoni Tas-Sellum u Ta' Gerbulin. Huwa importanti li l-kuntrattur ikun konsistenti fit-tbattil tagħhom.

15.4. Is-Sindku wieġeb li meta kien hemm l-i*skips* dawn kienu jiġu abbużati u saħansitra anke skart ġoff kien jitħalla ma' ġenbhom.

15.5. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li s-servizz tal-Gwardjani fejn l-Iskola Primarja għandu jitħalla peress li matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u parti minn Settembru ser ikun hemm AvventuraSajf.

15.6. Il-Viċi Sindku ppropona l-iskedi tal-Gwardjani Lokali għandhom jiġu modifikati kif ġej:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru s-servizz ikun bejn it-8.00am u l-12.15pm biex ikopri l-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal li jattendu AvventuraSajf;
- Jiġi ntrodott servizz bejn it-8.00pm u l-11.00pm tliet darbiet fil-ġimgħa fi ġranet differenti, iżda għandu jiġi żgurat li l-Ġimgħa u s-Sibt ikunu dejjem inklużi;
- Jiżdied is-servizz tal-*Green Wardens* għall-darba fil-ġimgħa għal perjodu ta' tliet siegħat kull darba; u
- Is-servizz tal-Ħdud li jingħata mill-Gwardjani Lokali flimkien mal-Pulizija għandu jitħalla l-istess.

15.7. Il-Kunsill approva t-tibdil fl-iskeda proposta, u ddeċieda li l-biex is-servizzi illi ġew miżjuda bejn it-8.00am u 12.15am, kif ukoll dawk tal-*Green Wardens*, jista' jintalab kont separat mingħand il-Kumitat Konġunt, kemm-il darba jirriżulta li dawn ikunu ta' piż finanzjarju fuq l-istess Kumitat Konġunt.

**16.1. *European Tourism Forum* (T/12/Vol II)**

16.2. Is-Sindku fakkar li l-European Tourism Forum li ser jiżvolġi fil-Mellieħa fid-18 u d-19 ta' Novembru 2010, kif kien ippjanat. Dan ser jintemm b'ikla f'Misraħ il-Parroċċa. It-tħejjijiet mill-Gvern ċentrali, f'dawk li huma sejħiet għall-offerti dwar is-servizzi meħtieġa, diġa għaddejjin. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-konferenza dwar il-ġemellaġġi ġiet posposta għall-2011.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)**

**17.2.** Is-Sindku għarraf li x-xogħol fuq il-proġett imsemmi baqa' għaddej. Il-partijiet tas-sienja ġew irkuprati kollha u instab travu biex din tintremgħa fuqu, filwaqt li s-sienja jonqosha xi bramel li jridu jsiru mill-ġdid. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-linja tat-triq indikata mill-MEPA fi Triq Selmun issa ġiet immarkata biex it-triq djieqet u hekk inġiebet tal-istess wisa' bħal bidu tagħha, kantuniera ma' Triq il-Kbira. Huwa nforma lill-Kunsill ukoll li iż-żewġ persuni li għandhom raba fl-art affettwata bil-proġett għamlu rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jingħataw raba ieħor fil-qrib li mhux jinħadem.

**17.3.** Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li t-tnaqqis fil-wisa' ta' Triq Selmun għandu jnaqqas il-possibilta` li jiġru nċidenti tat-traffiku. Huwa ppropona li fil-bidu ta' din it-triq għandhom jsiru sinjali li jistabilixxu veloċita` massima ta' 35 kilometru fis-siegħa.

**17.4.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta tal-Kunsillier J. Buttigieg.

## 18.1. Pjan għall-Iżvilupp Rurali - Mizura 313 u 323 – *Heritage Trail* f'Selmun (P/10/3)

18.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill dwar il-finanzjament ta' *heritage trail* f'Selmun. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi żviluppi min-naħa tal-*Paying Agency* fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

18.3. Is-Sindku wieġeb li t-talbiet li kien hemm għadhom qed jiġu evalwati.

## 19.1. Tħejjijiet għall-AvventuraSajf 2010 (E/3/4/Vol VIII)

19.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li sad-data tas-seduta kienu daħlu 127 talba sabiex tfal jattendu għall-edizzjoni ta' AvventuraSajf 2010, li ser tibda nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2010. Huwa għarraf ukoll li fil-parti l-kbira, l-istess nies li kienu nvoluti fl-edizzjoni 2009 ser jibqgħu hemm minħabba l-esperjenza li kisbu, filwaqt saru iktar maturi biex jieħdu ħsieb tfal ta' eta` żgħira. Biex ikompli jsaħħaħ dan, is-Sur Fenech għarraf ukoll qed jagħmel kuntatti biex anke jiġu nvoluti għalliema li huma fil-kariga.

19.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 20.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol II)

20.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li tissemma triq biex tfakkar il-ġemellaġġ, Mellieħa / Cavriglia, bħalma sar fil-każ ta' Adenau.

20.3. Is-Sindku wieġeb li l-monument illi ser jitwaqqaf fuq ir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida ser ikun qed jikkommemora t-tliet ġemellaġġi li saru s'issa, ma' Adenau, Cavriglia u Agia Napa.

20.4. Il-Kunsill ma laqax il-proposta mressqa minħabba r-raġuni miġjuba mis-Sindku, kif ukoll billi mhemmx toroq li fil-mument toroq li għadhom bla isem.

## 21.1. Siġar fi Triq il-Mellieħa (A/3/Vol II)

21.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li s-siġar fit-triq imsemmija fl-inħawi Tat-Tomna qed jagħtu dehra kerha billi huma mimlija bit-trab mill-barriera tal-qrib.

21.3. Huwa ppropona li jinsab remedju biex dawn jinħaslu mill-operatur tal-barriera.

## 22.1. Toroq u arranġamenti tat-traffiku f'Santa Marija Estate (T/3/2/Vol X)

22.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf illi fil-2 ta' Lulju 2010, huwa flimkien ma' membri mill-Għaqda tar-Residenti Santa Marija Estate ltaqgħu mal-Periti Silvio Farrugia u Daniel Cordina minn Transport Malta dwar materji li jolqtu l-istess żona. Fost is-suġġetti diskussi kien hemm il-programm dwar il-kostruzzjoni mill-ġdid tat-toroq. Sar magħruf li x-xogħlijiet fi Triq il-Pont ser jibdew f'Settembru u mistennija jintemmu f'Diċembru 2010. Transport Malta qed jippjanaw li x-xogħol fuq Triq Ta' Fuq il-Widien u Triq il-Qortin jibda sa tmiem l-2010.

22.3. Is-Sur E. Bartolo għarraf ukoll li ġiet diskussa l-*junction* ta' Triq Għajn Żejtuna ma' Triq il-Kbira. Min-naħa ta' Transport Malta kien propost li ssir *raised plateau* bi dritt Misraħ tas-Salib, bil-għan li titnaqqas il-veloċita` tal-vetturi u hekk il-ħruġ minn Triq Għajn Żejtuna ikun b'anqas periklu. B'hekk ukoll ikun possibbli li wieħed idur direttament lejn iċ-ċentru tal-Mellieħa b'anqas periklu.

22.4. Il-Kunsill innota l-proposti mressqa.

## 23.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena 2009/2010 (S/4/4)

23.2. Is-Sindku għarraf li ntbagħtu ittri lill-għaqdiet Melleħin sabiex jiġu kkunsidrati nomini għall-għoti ta' unuri msemmija hawn fuq. Huwa fakkar li dan l-avveniment annwali ser iseħħ fi Ġnien il-Qigħan nhar is-Sibt 31 ta' Lulju 2010.

23.3. Il-Kunsill innota u approva l-attivita`.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2010, fis-6.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**